L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 4 ta' Ottubru 2021 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

**Il-Lingwa u l-Lingwistika**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.**

**TAQSIMA A: IL-KITBA ARGUMENTATTIVA (Total: 20 marka)**

**Ikteb komponiment argumentattiv ta' bejn 500 u 550 kelma dwar WAĦDA minn dawn it-temi.**

1. Fid-dinja tal-lum sirna nitkellmu ħafna fuq it-tixrid ta' aħbarijiet qarrieqa bl-iskop li jpinġulna l-affarijiet kif jixtiequ huma. L-infodemija, li hi l-pandemija tal-informazzjoni, tinxtered fuq l-internet b'għafsa ta' buttuna u hija realtà globali. X'konsegwenzi qed iġġib magħha? Hemm xi mod kif nagħrfu jekk aħbar hix vera jew gidba? Iddiskuti.

**JEW**

2. Nisimgħu ħafna fuq l-istil tal-ħajja u kemm hu importanti li nagħmlu l-eżerċizzju u li noqogħdu attenti x'nieklu. Temmen li possibbli nagħmlu dan? Il-ħajja li qed ngħixu tgħinna nibqgħu dixxiplinati fl-ikel u fl-isport? U pajjiżna għandu biżżejjed faċilitajiet fejn nagħmlu l-eżerċizzju? Iddiskuti l-fehmiet tiegħek dwar dan.

**JEW**

3. Ta' sikwit nisimgħu li l-lingwa tagħna mhedda. Nisimgħu wkoll lil min jgħid li din ħaġa naturali, li qed tiġri lil kull lingwa fid-dinja, għax il-lingwi jevolvu. X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar dan is-suġġett u x'taħseb fuq l-użu tal-Malti mill-ġenerazzjonijiet iż-żgħar?

**JEW**

4. L-età tal-popolazzjoni Maltija kulma jmur qiegħda tikber. Fl-aħħar snin saru jitwieldu ferm inqas nies minn qabel, u għalhekk għandna popolazzjoni li qiegħda tixjieħ. X'effetti pożittivi u negattivi jista' jkun hemm fuq is-soċjetà minħabba dan il-fattur? Taħseb li pajjiżna hu mħejji għal din ir-realtà u li l-Maltin, b'mod ġenerali, jirrispettaw lill-anzjani? Iddiskuti.

**Jekk jogħġbok dawwar il-paġna**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA B: IL-QARI** **(Total: 20 marka)**

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Id-dar Maltija taqa' f'żewġ kategoriji: it-town house u, kumplimentari magħha għalkemm mhux l-istess, it-terraced house. Sa kważi 50 sena ilu, it-terraced house ma kinitx daqstant popolari. Il-popolin aktarx kien jgħix fit-town houses, li kienu djar arkitettoniċi distinti tal-belt jew raħal. Għal dawk li ftit jew xejn kienu jistgħu, il-kenn tagħhom kienu l-kerrejjiet. Kerrejja aktarx kienet tkun magħmula minn binja kbira, b'xi tlieta jew erba' sulari, bil-bitħa fin-nofs, u l-familji jgħixu madwarha. (par. 1)

Ġara li fis-sittinijiet u s-sebgħinjiet, il-ħajja tal-Maltin bdiet tirpilja minn żminijiet ta' ġuħ u għaks u, qabilhom, mill-miżerja li ġabet magħha l-gwerra. Il-parti l-kbira tal-art Maltija sa dakinhar ma kinitx għadha mittiefsa mill-gafef u l-iżvilupp. L-għelieqi kien għad għandhom valur għax kienu, qabelxejn, il-mezz ta' għajxien ta' ħafna familji. L-ispekulazzjoni u l-iżvilupp bla rażan, li għadu jifni lil dawn il-gżejjer sal-lum, kien għadu ma qajjimx rasu. Min kellu biċċa art kien jaħseb fi wliedu ħalli 'l quddiem ikollhom saqaf fuq rashom. Min ma kellux art kien jara kif jissallab u jipprova jrekken sold il-bank, jew aktarx taħt il-maduma, biex meta jikbru t-tfal jgħinhom jixtru darhom. Kien il-perjodu li tkun kburi li jkollok dar, u bdiet titwieled il-famuża frażi 'kun sid ta' darek'. Ħafna mill-ulied li esperjenzaw il-ħajja f'kerrejja xtaqu jfittxu ħajja aħjar meta jikbru, u din il-fehma komuni bejn l-ulied fuq naħa u l-ġenituri fuq oħra, welldet f'pajjiżna l-ewwel terraced houses kif nafuhom illum. (par. 2)

Mas-snin dan l-eżodu mill-ħajja tal-kerrejja kompla jikber u jiddomina tant li matul numru ta' snin il-kerrejjiet ġew kważi estinti. Tassew, il-Malti kien qabelxejn kburi li għandu familja, u t-tieni li hu s-sid tad-dar tiegħu stess. Ħasra li din il-karatteristika li wasslet għal passi kbar fil-ħajja soċjali u komunitarja tal-familja, ma damitx aktar minn ġenerazzjoni. (par. 3)

Fid-disgħinijiet beda moviment żgħir ta' spekulaturi li riedu jieklu b'żewġt iħluq billi jixtru kull dar li jsibu ħalli jdawruha f'appartamenti għall-bejgħ. Daħlu anke mentalitajiet ġodda li n-nazzjon Malti bħal donnu ta l-appoġġ tiegħu mill-ewwel għalihom, kważi, bla ebda riserva. Minflok inħaffru l-bjar għall-ħażna tal-ilma, bdejna nħaffru aktar fil-fond biex nagħmlu l-garaxxijiet. Iżda mhux biss. Sa fuq il-bejt beda jieħu sura oħra. Dik li darba kienet il-kamra tal-ħasil, jew washroom, kibret tant li llum ħadet sura oħra u bdiet tissejjaħ penthouse. U din l-idea li tgħix fl-arja tant ħadet u saret għażla preferenzjali li fi ftit żmien, penthouse saret tiswa daqs dar sħiħa u aktar! (par. 4)

Is-snin komplew igerbu. L-iżviluppaturi baqgħu jiżdiedu u dawk li sabu li ma tagħmlilhomx differenza jgħixux f'dar jew f'appartament żdiedu wkoll. Hawn min minnhom għamel dan għax uliedu kibru u żżewġu u ma kienx għad fadal skop għal ċertu kobor. Hawn min għamel hekk biex jgħin lilu nnifsu finanzjarjament u jqum minn xi esperjenza ta' miżerja. Imma hawn min mexa mal-kurrent u l-kurrent ħadu, forsi bla ma qies xejn. (par. 5)

Illum tħares madwarek u malajr tintebaħ li pajjiżna sar bħal żona industrijali. Il-krejnijiet saru jiddominaw kull belt u raħal. Saħansitra l-gżira ġawhra ta' Għawdex, b'xorti ħażina, miexja wkoll f'dan il-kurrent qawwi. Kull ħaġa fid-dinja meta tkun ibbilanċjata tkun tajba. Imma l-estremi mhuma tajbin qatt. Wasalna propju f'dak il-punt fejn id-djar tipiċi Maltin ukoll qed jisparixxu. Itik il-biki tara kull faċċata ta' dar mill-isbaħ tiġġarraf mill-gafef biex minflokha jittellgħu diversi sulari appartamenti, ilkoll fl-istess forma ta' sempliċi kaxxa. (par. 6)

Ħarsu madwarkom u araw l-appartamenti li telgħin. Bħalissa forsi sbieħ għax kollha għadhom telgħin. Biż-żebgħa friska, bl-aperturi lkoll l-istess u b'ċerti standards. X'se jiġri iżda minn dawn sa 25 u 30 sena oħra? Wisq nibża' li jekk mhu se jitkellem ħadd u juri biċ-ċar lil dan il-poplu fejn diġà wasalna u fejn sejrin b'din l-attitudni – li nħarsu biss lejn il-flus u l-ekonomija – se jkun altru minn tard wisq biex nintebħu li dak li hu Malti u li kien Malti, ħesrem se jkun intilef kollu. (par. 7)

*(Addattata mill-artiklu "Nibdew mill-ġdid – Djarna, wirt Malti (12)" ta' Tonio Bonello li deher fil-gazzetta 'Il-Leħen', 13.xi.2020)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra tas-sentenza li hija **vera**. (2)

a. Skont l-awtur, l-appartamenti jistgħu jidhru sbieħ meta jkunu għadhom kemm inbnew biss.
b. Skont l-awtur, l-appartamenti jidhru sbieħ dejjem, anke wara ħafna snin.
ċ. Skont l-awtur, l-appartamenti minn dejjem kienu jeżistu u kienu jissejħu kerrejjiet.
d. Skont l-awtur, l-appartamenti huma djar tipiċi Maltin.

2. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra u n-numru tat-tweġiba t-**tajba**. (4)

a. L-espressjoni **ftit jew xejn kienu jistgħu** fis-sentenza: "Għal dawk li ftit jew xejn kienu jistgħu, il-kenn tagħhom kienu l-kerrejjiet." (par. 1) tfisser:
   i. ma kellhomx ħafna flus
   ii. kellhom ħafna flus
   iii. ma tantx setgħu jiċċaqilqu
   iv. ma kellhomx tfal

b. Il-kelma **għaks** fis-sentenza: "Ġara li fis-sittinijiet u s-sebgħinjiet, il-ħajja tal-Maltin bdiet tirpilja minn żminijiet ta' ġuħ u għaks u, qabilhom, mill-miżerja li ġabet magħha l-gwerra." (par. 2) tfisser:
   i. dwejjaq
   ii. ħsara
   iii. telqa
   iv. faqar

ċ. L-idjoma **jieklu b'żewġt iħluq** fis-sentenza: "Fid-disgħinijiet beda moviment żgħir ta' spekulaturi li riedu jieklu b'żewġt iħluq billi jixtru kull dar li jsibu ħalli jdawruha f'appartamenti għall-bejgħ." (par. 4) tfisser:
   i. jakkwistaw dar mingħand żewġ bejjiegħa
   ii. jiżviluppaw dar f'żewġt idjar oħra
   iii. jaħtfu kulma jaraw
   iv. jiksbu dar bi ftit flus

d. Il-kelma **ħesrem** fis-sentenza: "Wisq nibża' li jekk mhu se jitkellem ħadd u juri biċ-ċar lil dan il-poplu fejn diġà wasalna u fejn sejrin b'din l-attitudni – li nħarsu biss lejn il-flus u l-ekonomija – se jkun altru minn tard wisq biex nintebħu li dak li hu Malti u li kien Malti, ħesrem se jkun intilef kollu." (par. 7) tfisser:
   i. b'xorti ħażina
   ii. f'daqqa waħda
   iii. aktarx
   iv. żgur

**Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.**

3. Agħmel taqsira fi kliemek ta' kif, skont l-awtur, kienet is-soċjetà Maltija fis-sittinijiet u s-sebgħinijiet. Ikteb bejn **80 u 90 kelma**. Ikteb it-taqsira f'paragrafu wieħed fil-perfett u fit-tielet persuna. (5)

4. X'taħseb li kellu f'moħħu l-awtur meta kiteb: "Kull ħaġa fid-dinja meta tkun ibbilanċjata tkun tajba. Imma l-estremi mhuma tajbin qatt"? (par. 6). Agħti raġuni għaliex taħseb hekk. (3)

5. L-awtur jidentifika numru ta' raġunijiet ewlenin li wasslu lin-nies iwaqqgħu darhom u minflok itellgħu l-appartamenti. Semmi **WAĦDA** minn dawn ir-raġunijiet kif ukoll **ŻEWĠ** soluzzjonijiet li jagħti biex insalvaw dan il-patrimonju Malti. (3)

6. Meta tqabbel il-ftuħ tal-artiklu mal-għeluq tiegħu, x'ton taħseb li qed juża l-awtur u kif qed iħossu? (3)

**TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA** **(Total: 20 marka)**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma fuqu.**

1. Maż-żmien, kull lingwa tibdel is-sens ta' xi kliem tagħha. Dan jiġri minħabba raġunijiet differenti. Uri kif iseħħ dan fil-Malti b'referenza għal numru ta' mekkaniżmi lingwistiċi li ta' spiss inħaddmu biex nagħtu tifsira ġdida lil ċertu kliem. Agħti eżempji biex tfisser sew dak li tgħid.

**JEW**

2. Xi jwassal f'lingwa biex jinħoloq kliem ġdid? Uri kif jiġri dan b'eżempji xierqa mill-Malti li wasslu għal neoloġiżmi varji.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 5 ta' Ottubru 2021 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

**LETTERATURA (A)**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

**TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TA' OLIVER FRIGGIERI** **(Total: 20 marka)**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Iddiskuti l-karatteristiċi tematiċi u stilistiċi ewlenin tal-poeżiji ta' Oliver Friggieri fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel* li jittrattaw il-politika.

**JEW**

2. F'għadd ta' poeżiji fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel* Oliver Friggieri jitkellem dwar il-poeżija u r-rabta tagħha mal-ħajja. Iddiskuti.

**TAQSIMA B: IL-POEŻIJA TA' SIMONE GALEA** **(Total: 20 marka)**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Immanuel Mifsud jgħid li fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna*, Simone Galea tagħżel li "tikteb lilha nfisha" bħala persuna. Dan tagħmlu mingħajr ma tfittex il-konfrontazzjoni bejn jien u int, jew bejn mara u raġel. Taqbel miegħu? Għaliex?

**JEW**

2. Fil-ġabra tagħha *Xi Drabi Mqar Persuna*, Simone Galea tidħol fi djalogu mill-bogħod mal-poeżija ta' ħames poeti li minn banda nebbħuha u mill-banda l-oħra qanqluha biex tieħu pożizzjonijiet differenti minn tagħhom. Iddiskuti.

**Jekk jogħġbok dawwar il-paġna**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: L-ANALIŻI KRITIKA** **(Total: 20 marka)**

**Agħżel poeżija WAĦDA u ikteb komponiment ta' analiżi kritika ta' bejn 450 u 500 kelma dwarha.**

F'dan it-taħrig "tirrakkuntax" il-poeżija magħżula; tagħtix sempliċiment lista tal-elementi letterarji li hemm fiha. Il-poeżija trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha, jiġifieri bħala xogħol li l-forma tiegħu, b'elementi bħall-arkitettura tal-versi u l-istrofi u bħal-lingwaġġ figurattiv, twassal il-kontenut tematiku, l-assoċjazzjonijiet mentali, l-ambigwitajiet, l-allużjonijiet, l-emozzjonijiet, is-sensazzjonijiet, u l-bqija. Agħti importanza ewlenija lil elementi bħall-vuċi, it-ton, ir-ritmu, il-ħsejjes, l-għażla tal-kliem, il-metafora, is-similtudni, il-metonimija, il-metrika, il-binja tal-versi, u t-tqassim tal-istrofi, u stħarreġ fuq kollox l-effetti li dawn joħolqu.

(i)

## Purtinara

Aħna biss purtinara. Dan hu xogħolna.
Mill-antiporta nirfsu 'l ġewwa u nimxu:
bieb war'ieħor, il-kmamar mifruqin
mill-kuritur. Quddiem kull waħda nieqfu.
Nittawlu 'l gewwa lejn ħajjiet li ħlomna
li stajna kellna. F'għajnejna x-xewqat
jgħumu bħal ħut li ilu li miet. Bozoz
inemnmu ħdejn is-sodod ifakkruna
l'għejew dar-riġlejn ipassu. Għejew
ma jaslu mkien f'pellegrinaġġ bla tir.

*(John Aquilina, mill-antoloġija Tgħanniq Ieħor. Poeżiji mill-Iżolament)*

**JEW**

(ii)

## It-Tarf tal-Abjad

dik is-sena daħlet l-isptar darbtejn. darba għaliha u
darba
għan-nannu. kienu daħħluh l-isptar ta' malajr. ħabta
u sabta. hekk. ċumm bumm. il-mewt iġġiegħlek
tgħid il-klixejiet. u issa diġà taf li se jmutilha
nannuha – il-mewt qatt ma kienet sigriet. kien ilu
jilgħabha, ipejjep wieħed f'wieħed u telqu għall-
isptar *imma ż-żgħira ma tistax tidħol.* u baqgħet
barra ż-żgħira, tistenna, tara x'se jiġri. tara kif jimxi
l-pass tal-mewt, kif jidħol minn bejn il-purtieri
u jissikkak u jaħsdek. u f'daqqa waħda, hekk,
qabżitilha u ħadet ġirja minn bejn il-purtieri. u,
abjad. ir-ragħwa bajda ħierġa minn ħalq in-nannu
tikku ratha nieżla u fehmet xi tfisser il-kelma
ragħwa. ragħwa bajda tfur u ġismu abjad jirtogħod.
u sa ma kellha tlettax baqgħet taħseb li r-ragħwa u
r-rogħda ħaġa waħda. rawha dieħla ħdejh u ħadd ma
qalilha xejn. missierha jżomm ras missieru tixxengel,
titbandal.
dan hu missieri l-għażiż, li fih sibt il-għaxqa tiegħi.
u ma tafx hux kollox kien ħolma.
ma tafx qattx rat ragħwa bajdana daqs dik.
ma tafx u baqgħet ma tafx.
u baqgħet ta' tliet snin.

*(Leanne Ellul, mill-antoloġija Tgħanniq Ieħor. Poeżiji mill-Iżolament)*

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | III |
| DATA: | 6 ta' Ottubru 2021 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

## LETTERATURA (B)

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

**TAQSIMA A: IR-RUMANZ** **(Total: 20 marka)**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Feliċ, fir-rumanz *Ħelsien*, huwa karattru ewlieni li jgħaddi minn bidliet kbar. Uri dan b'rabta mal-karattri l-oħra u ma' kif tiżviluppa l-istorja.

**JEW**

2. Ir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici spiss jitkellem dwar il-qagħda soċjali u politika taż-żmien li fih huwa ambjentat ir-rumanz. Uri dan b'eżempji minn kif inhuma żviluppati l-karattri u mill-episodji fil-ġrajja.

**TAQSIMA B: IN-NOVELLI** **(Total: 20 marka)**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. In-novelli f'*Xemgħat* spiss iħalltu r-realtà tal-ħajja ta' kuljum mal-maġiku u l-fantastiku. Uri kif Trevor Żahra jirnexxilu jagħmel dan f'dawn ir-rakkonti tiegħu.

**JEW**

2. Il-qosor tal-ġeneru tan-novella jinfluwenza l-mod kif jiżviluppaw il-ġrajjiet u l-karattri. Fisser kif dan iseħħ fi wħud min-novelli f'*Xemgħat.*

**Jekk jogħġbok dawwar il-paġna**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: ID-DRAMM** **(Total: 20 marka)**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Il-karattri fid-dramm *Karnival* jgħaddu minn proċess li fih jagħrfu lilhom infushom kif inhuma u mbagħad jinbidlu f'persuni differenti. Uri kif dan iseħħ matul id-dramm.

**JEW**

2. L-okkażjoni tal-Karnival tressaq lejn xulxin lil żewġ familji differenti għalkollox minn xulxin. Uri x-xebh u d-differenzi bejn dawn iż-żewġ gruppi ta' karattri fid-dawl ta' kif tiżviluppa l-azzjoni fid-dramm.

**JEW**

3. Il-karattru ta' Menz huwa barrani li qed jgħix f'soċjetà li fil-biċċa l-kbira ma tifhmux u ma taċċettahx. Iddiskuti din il-qagħda tiegħu fid-dettall.

**JEW**

4. Iddiskuti l-mod kif il-karattri fid-dramm *Menz* jaffrontaw it-tmexxija ta' Ludilla B. u r-regoli li timponi fuqhom is-soċjetà li qed jgħixu fiha.